**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2505**

**Chairperson: Charmaine Cristiano Grech**

Kaz Nru: 3438/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:

Ellen McGratten

u

Centrecom Limited

Illum 24 ta' Jannar 2018

## Preliminari

Ir-rikorrenti ppreżentat rikors fejn iddikjarat illi kienet impjegata mas-soċjeta fl-20 ta' Marzu 2015 u li ġiet informata verbalment li ser titkeċċa mingħajr raġuni u li minħabba li kienet tkeċċiet mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi talbet lit-Tribunal jiddikjara illi s-soċjeta hija responsabbli għal tkeċċija inġusta, jillikwida somma bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata. Fir-riposta tagħha s-soċjeta qalet li skont il-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti l-ewwel sitt xhur tal-impjieg kienu żmien ta' prova u l-impjieg tagħha ġie tterminat f'dan iż-żmien ta' prova wara li ingħatat avviż ta' ġimgħa dwar it-tmiem tal-impjieg tagħha, għaldaqstant is-soċjeta ma kellha l-ebda obbligu legali li tagħti raġuni għat-terminazzjoni. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

## Sinteżi tax-xhieda

Lara Lombardi, Kap tar-Riżorsi Umani fi ħdan Centercom xehdet li kienet ilha taħdem mas-soċjeta minn Jannar għaldaqstant ma kinitx impjegata meta ġara l-inċident tar-rikorrenti. Hija xehdet li r-rikorrenti kienet ilha impjegata mas-soċjeta mill-20 ta' Marzu 2015 u kellha perjodu ta' prova ta' sitt xhur u huma tterminawlha l-impjieg fit-3 ta' Settembru 2015. Mill-*file* personali tar-rikorrenti jidher li hija kellha *performance review* max-*Shift Leader* tagħha fejn jidher ċar li l-*performance* tagħha ma kinitx dik rikjesta u li kellha bżonn tammeljoraha sabiex tgħaddi mill-perjodu ta' prova tagħha. Il-*performance* tar-rikorrenti ma ttejbitx u għaldaqstant is-soċjeta tterminataha waqt il-perjodu ta' prova. Fil-*file* tagħha ma kien hemm xejn li jagħti informazzjoni dwar is-sitwazzjoni personali jew familjari jew relatata mat-tqala tagħha. Fil-fatt fl-ilment li r-rikorrenti għamlet mal-NCPE hemm dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi hija qatt ma nfurmat lis-soċjeta bit-tqala tagħha. In kontro eżami x-xhud ġiet mistoqsija jekk ir-rikorrenti kinitx l-unika waħda bit-tip ta' impjieg tagħha u x-xhud qalet li kien hemm xi tletin impjegat ieħor jagħmlu l-istess xogħol tagħha. Ir-rikorrenti talbet li tiġi esebita l-*performance review* tal-impjegati kollha sabiex ikun jista' jiġi

kkumparat il-*performance* tar-rikorrenti ma' dik tal-kollegi tagħha. Ix-xhud qalet li minħabba li kien hemm trasferiment tan-negozju hija ma għadx għandha aċċess għad-dokumenti ta' dawn l-impjegati.

Ir-rikorrenti ppreżentat affidavit u anke xehdet li bdiet taħdem mas-Centrecom f'Marzu tal-2015 u li sa Awwissu l-produttivita tagħha kienet sejra tajjeb sakemm f'daqqa waħda t-Team Leader tagħha nbidel u beda jkollha *feedback* ħażin ħafna, inbidlilha x-xogħol u bdiet taħdem fuq tip ta' xogħol wieħed biss, dak li twieġeb għall-mistoqsijiet tal-klijenti. Ir-rikorrenti qalet li meta tkeċċiet ma tawhiex ir-raġuni għalfejn tkeċċiet imbagħad wara qalulha li kien minħabba nuqqas ta' produttivita. Ix-xhud qalet li f'Awwissu hija kellha tqala ta' xi ħames xhur u nofs u li kienet tidher li kienet tqila avolja hija ppruvat taħbiha bl-ilbies li kienet tilbes. Hi qalet ukoll li ma kinitx toħroġ mal-kollegi wara l-ħin tax-xogħol kif kienet tagħmel fil-bidu u meta kellhom *team building* lilha biss saqsew jekk kinitx sejra għaliex kien hemm *abseiling* u *kayaking* involut, għalhekk hija assumiet li kienu jafu li hija tqila. In kontro eżami r-rikorrenti ġiet mistoqsija jekk kinitx infurmat lis-soċjeta formalment u hija wieġbet li qatt ma għamlet dan.

**Sinteżi tat-trattazzjoni**

Is-soċjeta qalet li hija tterminat ix-xoghol tar-rikorrenti waqt il-perjodu ta' prova u ma kinitx taf li hi kienet qed tistenna tarbija. Ir-rikorrenti kellha obbligu li bil-ligi tinfurmahom li hija tqila u naqset li tagħmel dan. Is-soċjeta qalet li mill-provi ma ħarġux kif il-kumpanija ddiskriminat kontrieha u ma ġiex ippruvat li kien hemm xi forma – jew lanqas biss ġie identifikat b'liema mod saret diskriminazzjoni u huwa ċar li diskriminazzjoni ma kienx hem u li s-soċjeta tterminat waqt il-perjodu ta' prova.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Wara li t-Tribunal ra d-dokumenti u sema' x-xhieda prodotti, dwar il-kwistjoni tal-allegata diskriminazzjoni minħabba tqala, t-Tribunal jagħmel referenza għar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternita (LS 452.9) u d-definizzjoni ta' 'impjegata tqila" li tfisser "***impjegata li tgħarraf lill-prinċipal tagħha bil-miktub*** *bit-tqala tagħha u li sussegwentement, fi żmien ħmistax-il ġurnata,* <u>*tgħarraf formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha u bid-data tat-twelid mistennija permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrati"*</u> (emfażi miżjuda). Il-liġi hija ċara ħafna li sabiex impjegata tingħata l-protezzjoni tal-liġi offruta lill-impjegati tqal il-priċipal għandu jiġi mgħarraf bit-tqala bil-miktub permezz ta' ċertifikat mediku, fatt li r-rikorrenti *ex admissis* naqset milli tagħmel.

Dwar il-kwistjoni ta' tkeċċija waqt perjodu ta' prova minħabba allegata nuqqas ta' produttivita t-Tribunal jirreferi għall-każ fl-ismijiet Charlene Vella vs. Banif Bank deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2012 mill-Qorti tal-Appell Ċivili. Il-Qorti tal-Appell qalet li t-Tribunal *"Ma kellux jidhol fil-punt jekk kienx hemm raguni valida ghat-tkeccija ghaliex din ma hijiex mehtiega f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg li ssehh fil-perjodu ta' prova, u allura meta l-istess Tribunal sostna li la darba s-socjeta' appellanti sostniet meta ressqet il- provi li t-terminazzjoni sehhet ghaliex skond is-socjeta' appellanti l-appellata ma lahqitx dak li huwa sejjah bhala l- performance mistennija mill-Bank, huwa kien qed jippekkja legalment, ghaliex il-kwistjoni kienet gja maghluqa, u l-evalwazzjoni li setghet saret mis-socjeta' appellanti dwar ix-xoghol maghmul mill-appellata f'dak il- perjodu ta' prova, bl-ebda mod ma jbiddel il-punt kardinali, li s-socjeta' appellanti waqfet l-impjieg tal-intimata fiz- zmien ta' prova, u allura fi zmien meta ma kellhiex u ma kienitx obbligata li taghti raguni ghaliex hija ddecidiet dan; fil-fatt la darba t-Tribunal iddecieda li tali terminazzjoni saret fil-perjodu ta' probation, il-kaz waqaf hemm u l-istess Tribunal ma ghandux kompetenza sabiex jiddeciedi jekk kienx hemm raguni ghal dan, ghaliex dan il-Ligi ma tezigiehx, u lanqas taghti poter lit-Tribunal li jinvestiga l- istess. La darba instab li t-terminazzjoni ta' impjieg kienet fi zmien ta' prova u hekk iddecieda t-Tribunal ma jistax jinghad u wisq inqas jigi eziminat jekk t-terminazzjoni kienitx ghar-raguni gusti jew le ghaliex dan immur kontra l- ligi stess ("Joseph Cutajar vs Actavis Ltd" (A.I.C. (PS) – 3 ta' Ottubru 2007)."*

**<u>Deċiżjoni</u>**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li ma kienx hemm terminazzjoni mill-impjieg li kienet ingusta u ghalhekk m'hemmx lok ghal rimedju. It-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti u ma jqisx li Centrecom Limited kecciet lir-rikorrenti b'mod ingust.

**<u>Drittijiet</u>**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-kaz ghal €93.17 kull wiehed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviz Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**(iffirmat)**

Dr Charmaine Cristiano Grech LL.D.

Chairperson

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**

**Ghas-Segretarju**